MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1375/2000/1

**Charmaine Sabri**

**vs**

**Abubaker Sabri**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-24 ta' Frar 2000 kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A".

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

U illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett fil-Ligi.

L-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-7 ta' Dicembru 2000 a fol. 10 fejn gie eccepit:-

a) Illi l-kontenut tac-citazzjoni hu nfondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

b) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-problemi ezistenti fiz-zwieg bejn il-partijiet, hu tort tal-familja tal-istess attrici fejn mhux biss indahlu fil-hajja matrimonjali tal-partijiet imma qed jaghmlu minn kollox sabiex iz-zwieg jitkisser u l-attrici qed turi nuqqas ta' inizjattiva li hi mistennija minn mara mizzewga.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 11 u 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-7 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Sandra Sladden bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-nota tal-attrici Charmaine Sabri datata 19 t’April 2001 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess, ta’ Vanessa Gellel u ta’ Joseph Mizzi.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Gunju 2001.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 1 t’Ottubru 2001 fejn talab li tigi ffissata seduta wahda biex il-konvenut iressaq il-provi tieghu.

Rat il-verbali tas-26 ta’ Novembru 2001 fejn b’referenza ghar-rikors tal-1 t’Ottubru 2001 il-Qorti dderigiet lill-Perit Legali biex tiffissa tali seduta jew seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenut, u fin-nuqqas li dan iressaq il-provi tieghu tghaddi ghar-relazzjoni fuq il-provi migbura; tat-22 t’April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-24 t’Ottubru 2002; tal-11 ta’ Dicembru 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Sandra Sladden ikkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament; u tas-7 ta’ Jannar 2003 fejn Dr. Ruth Scott ghall-attrici rrimettiet ruhha ghar-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju 2003.

Rat ir-rapport u s-seduti mizmuma mill-Perit Legali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI MIGBURA.

Illi l-**attrici** xehdet permezz ta' affidavits u *viva-voce* li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal ghalkemm iz-zwieg dam biss xi xahrejn.

Illi omm l-attrici tghid illi *"it-tifla ftit fidila u ma taf xejn. Nahseb illi t-tifla ghandha u kellha bzonn il-kura mentali. It-tifla tghix biss il-mument u ma hjiex kapaci tippjana. Ma taf xejn skola…… It-tifla m'ghandhiex il-kapacita` mentali li tizzewweg."*

Illi l-attrici xehdet illi kienet ilha taf lill-konvenut xi sentejn qabel izzewgu, izda kienu jiltaqghu biss biex ikollhom x'jaqsmu flimkien – *"ahna ma konniex noqghodu nitkellmu".* Malli ltaqghu l-konvenut kien stedinha jkollha x'taqsam mieghu w hi accettat mill-ewwel *"u dan ghalkemm ma kontx nafu u ma kont naf xejn dwaru"*. Kienu jmorru hdejn il-bahar flimkien ma' koppja ohra u kien ikollhom x'jaqsmu sesswalment b'mod illi z-zewg koppji setghu jaraw lil xulxin.

Illi ftit gimghat wara li saru jafu lil xulxin, il-konvenut gie arrestat fuq bazi illi kien Malta illegalment. Fl-istess zmien saret taf li tqila u kienet tmur tarah il-habs. Skond ix-xhieda tal-Ispettur Sandro Zarb, il-konvenut gie mkecci minn Malta fis-7 ta' Ottubru 1997. Fil-frattemp l-attrici kellha t-tarbija u ma semghet qatt mill-konvenut – la qatt cemplilha jew ghamel tentattiv sabiex jikkuntattja.

Illi wara xi sena u nofs, il-konvenut rega' tfacca Malta. Mar id-dar tal-attrici u talabha tizzewgu ghax qalilha li meta gie mkecci kellu hafna dwejjaq ghax ried jigi lura Malta u ma setghax u issa galadarba rega' gie Malta ma riedx jitlaq. Pero', meta kien il-Libja l-konvenut qatt ma kkuntattja lill-attrici.

Illi l-attrici accettat mill-ewwel li tizzewgu, u zzewgu bic-civil minghajr preparazzjonijiet ta' xejn. Ommha u missierha kienu ghamlu xenata kbira ghax ma kenitx tafu bizzejjed izda *"jien ma kienx jimpurtani nafux jew le …. ahna lanqas biss kellna riceviment wara z-zwieg civili li ccelebrajna fir-registru pubbliku. Jiena lanqas biss xtrajt*

*libsa gdida ghaz-zwieg u ghalija kienet gurnata bhall-ohrajn".*

Illi mill-bidu nett taz-zwieg beda l-inkwiet. Marru jghixu ghand il-genituri tal-attrici ghax ma kellhomx fejn joqoghdu. Mill-bidu nett il-konvenut kien jitlaq fil-ghodu u jirritorna fil-ghaxija, jkollu x'jaqsam mal-attrici u jmur jorqod. Hafna drabi kien jirritorna lura fis-sakra. Kien anke johdilha l-flus ghax ma kienx jahdem. Meta kienet tghidlu biex ma jmurx ma' shabu kien ighidilha *"jiena ma jimpurtanix minnek".*

Illi kif izzewget mill-ewwel inqabdet tqila bit-tieni tarbija u hekk kif sar jaf il-konvenut rieda tmur l-Italja biex taghmel abort.

Illi fil-Gimgha l-Kbira kien hebb ghal omm l-attrici u missier l-attrici kien sejjah il-pulizija biex ikeccuh mid-dar. Ghal ftit gimghat wara li gie mkecci mid-dar kien jiltaqa' mal-attrici ghal ftit hin peress illi dejjem kien ikun fis-sakra. Pero' dan il-kuntatt spicca ghal kollox wara ftit gimghat u f'Mejju tas-sena 2000 l-attrici marret ghand avukat sabiex tissepara. Ghalhekk dan iz-zwieg dam biss xi xahrejn.

Illi **omm l-attrici** xehdet illi saret taf illi bintha kienet qed tohrog ma' Gharbi meta cemplitilha persuna li qaltilha li kien pulizija u qalilha li bintha kienet tqila minn wiehed Gharbi. Naturalment dan kien *shock* kbir ghal ommha specjalment in vista tal-fatt illi t-tifla kellha diga' tliet xhur tqala.

Illi omm l-attrici ltaqghet mal-konvenut xi sentejn wara li twieldet it-tarbija, meta l-konvenut mar id-dar u qal lill-attrici li ried jizzewwigha. *"Meta rajnih m'ghogobna xejn u lit-tifla ghamilnielha xenata, specjalment meta qaltilna li riedet tizzewgu."* Pero' it-tifla ghamlet ta' rasha w izzewgitu wara xi xahar. Omm l-attrici tixhed illi kienu marru d-dar u qalulhom li zzewgu u peress li ma kellhomx fejn joqoghdu kienu accettawhom id-dar. Omm l-attrici tikkonferma illi l-inkwiet beda mill-bidu nett ghax il-konvenut kien johrog minn fil-ghodu sa fil-ghaxija u ma kienx juri rispett lejn bintha. Kien johdilha l-flus kollha

anke dawk tar-*relief*. Meta kienet tqila bit-tieni tarbija l-konvenut riedha taghmel abort ghax qal li ma riedx jahdem ghat-tfal.

Illi darba minnhom il-konvenut kien hebb ghalija u r-ragel taghha kien keccih mid-dar.

Illi l-attrici tghid illi *“ghalkemm qatt ma qalilna dirett li zzewwigha biex jista’ jibqa’ Malta, deher bic-car li din kienet is-sitwazzjoni”.*

Illi oht l-attrici **Vanessa Gellel** xehdet illi qabel xejn *“ohti hija persuna ‘slow’ hafna, fis-sens illi m’hijiex kapaci taghzel bejn it-tajjeb u l-hazin. Ghalhekk facilment li jkun hemm persuni li jqarrqu biha”.*

Illi oht l-attrici tghid li l-familja taghha u anke hi dejjem jinkwetaw ghal ohtha l-attrici peress li naqra *‘slow’* u ghalhekk meta l-attrici bdiet tohrog ma’ habiba taghha, ohtha kienet marret taghmlilha l-ghassa. Kienet rathom fil-kumpanija ta’ xi Gharab u kienet irrabjat hafna maghha u anke qalet lil ommhom, li min-naha taghha wkoll ghamlet xenata. Pero’ ma kienux jafu li l-attrici baqghet tiltaqa’ ma’ xi Gharbi u saru jafu biss meta l-attrici kienet diga’ tqila. Tghid li l-attrici kienet tmur tara lill-konvenut il-habs u *“niftakar li meta tkecca minn Malta anha hadna r-ruh u l-attenzjoni taghna daret fuq it-tarbija li kienet qed tistenna ohti. F’dan il-perjodu ohti lanqas baqghet issemmi lil dan l-Gharbi.”*

Illi pero’ wara xi sena u nofs dan l-Gharbi rega’ tfacca Malta u wara ftit gimghat hu u ohti zzewgu, anke jekk kontra r-rieda tal-genituri taghha. Meta zzewgu baqghu jghixu ghand il-genituri tal-attrici u fi kliem oht l-attrici, il-konvenut kien iqum fi x’hin joghgbu, jiehu l-*breakfast* u jitlaq ‘l barra. Oht l-attrici tixhed ukoll illi kien jiehu l-flus tal-attrici. *“Meta kien jirritorna lura d-dar fit-tard, Abubaker kien ta’ spiss jigi fis-sakra u kien joqghod iparla fil-vojt. Huwa kien isemmi fost affarijiet ohra d-droga u l-haxixa u kien isemmi wkoll in-nisa li kien imur maghhom”.*

Illi oht l-attrici tghid illi meta ohtha regghet inqabdet tqila, il-konvenut rieda tabortixxi ghax ma riedx jahdem ghat-tfal. Illi Illi f'dan iz-zmien il-konvenut anke kellu xi jghid ma' omm l-attrici u kien dan l-incident li wassal lill-genituri tal-attrici biex ikeccuh mid-dar*. "Ghalhekk f'anqas minn xahrejn iz-zwieg t'ohti spicca sfaxxa fix-xejn".*

Illi missier l-attrici **Joseph Mizzi** xehed illi *"Charmaine ghandha problemi mentali ghax hija persuna 'slow'. Minkejja dan jien u ommha dejjem pprovajna nrabbuha bhala persuna minghajr dizabilita".*

Illi l-istess missier l-attrici wkoll jixhed illi ma kienx jaf illi t-tifla tieghu qeghda tohrog ma' wiehed Gharbi u sar jaf permezz ta' dik it-telefonata li rceviet martu minn persuna li qalet li hi pulizija. *"Ahna xxukkjajna ruhna ghax lanqas biss konna nafu li qed tohrog ma' Gharbi, ahseb u ara li hija tqila minnu…. Nghid li jien serraht ftit rasi meta marti nfurmatni li dan l-Gharbi kien tkecca minn Malta u b'hekk jien hsibt li konna hlisna minnu."*

Illi pero', missier l-attrici jirrakkonta kif wara xi zmien l-Gharbi rega' gie Malta u fi ftit gimghat kienu izzewgu anke jekk kontra r-rieda tieghu. Missier l-attrici wkoll ighid li l-inkwiet beda mill-bidu nett ghax *"… hu kien iqatta' granet shah barra mid-dar ma' shabu l-Belt, fil-waqt li binti kienet tibqa' d-dar tiehu hsieb it-tarbija. Abubaker kien jigi lura d-dar biex jiekol u jorqod. Hafna drabi kien jirritorna lura fis-sakra."*

Illi wara ftit gimghat li kienu mizzewga, il-konvenut kien hebb ghal martu u dakinhar, bl-assistenza tal-pulizija, missier l-attrici kien kecca lill-konvenut, u hemmhekk spicca wkoll iz-zwieg wara biss xahrejn.

Illi l-**Ispettur Sandro Zarb** jikkonferma illi l-konvenut kien gie arrestat fil-lejl bejn it-30 u 31 ta' Lulju 1997 u kien tressaq il-Qorti fuq akkuzi li kien immigrant ipprojbit u li kien ilu Malta illegalment mill-14 ta' Marzu 1997. Fis-7 ta' Ottubru 1997 il-konvenut kien gie ddikjarat mill-Qorti bhala mmigrant ipprojbit u tkecca minn Malta.

Illi l-imsemmi Spettur Zarb ighid illi *"sussegwentment ircevejna talbiet bil-miktub minghad Charmaine Mizzi fejn kienet qed titlob permess f'isem Sabri biex jithalla jidhol Malta. L-ittra datata 25 ta' Mejju 1998 u ohra fit-18 ta' Lulju 1998. Fid-darbtejn kien hemm rifjut min-naha taghna."*

Illi l-Ispettur Zarb xehed illi fl-14 ta' Frar 1998 il-konvenut kien ipprova jidhol Malta fuq titjira KM315 minn Jerba, izda kien gie mizmum u ntbaghat lura. *"Nghid ukoll li sal-gurnata tal-lum, ghadu qatt ma nhareg permess ufficjali biex Abubaker Sabri jidhol Malta …… Jien il-bierah ghamilt tfittxija fir-rekords kompjuterizzati tad-Dipartiment taghna u rrizultali li persuna bl-isem simili hafna ghal dak tal-konvenut dahal Malta fil-5 ta' Jannar 2000 u fil-21 ta' Awissu 2000. F'Jannar gie Malta bil-bahar u f'Awissu gie Malta bl-ajru".*

**(ii) KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT.**

Illi fit-tieni premessa tac-citazzjoni l-attrici ppremettiet li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u konsegwentement z-zwieg huwa null liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fit-tielet premessa tac-citazzjoni, l-attrici ppremettiet illi l-kunsens tal-partijiet nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-attrici, fit-talbiet taghha tirreferi wkoll ghall-**artikolu 19 (1) (g) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jistipula sitwazzjoni fejn parti jkun rabat il-kunsens tieghu ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur, ghalkemm l-attrici fil-premessi ma taghmilx referenza ghal dan l-artikolu tal-Ligi.

Illi **l-artikolu 19 (1) (d) (f) u (g) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

*"**19(1)** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

***(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*

***(g)** jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur."*

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi mressqa mill-partijiet u hi tal-fehma li ghandha primarjament tezamina t-talba attrici fuq dak li jipprovdi **l-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap 255** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita` ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-*commitment* li jikkomporta z-zwieg, u cjoe' *commitment* li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt ta' zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita` li jaghtu l-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn min-nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus …. richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita." (***Forum** *1990. Vol 1, part 1, pg.72).*

Il-kuncett ta' *discretio judicii* ma jirrikjedix maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita` effettiva, u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjesta mill-ligi.

Illi ghar-rigward tal-**artikolu 19 subinciz (1) paragrafu (d), Dr. Abigail Attard**, fit-tezi taghha **"Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975"** tghid illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"suppose not only maturity of*

*intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* (pg 42).

Il-kliem fil-Ligi *"difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha"* jirreferu ghal uzu sufficjenti tal-kapacitajiet intelletwali u volatili, li wiehed ghandu jkollu biex jidhol ghaz-zwieg. Il-persuna trid tkun taf xi trid u trid tkun kapaci taghmel decizjoni hielsa u volontarja. Il-persuna trid tifhem u tixtieq l-implikazzjoni tal-kunsens taz-zwieg, irid ikun jaf x'inhuma d-drittijiet, dmirijiet u obligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **"Nicholas Agius vs Rita Agius nee' Caruana**" (P.A. 25 ta' Mejju 1995) qalet illi:-

*"B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addiritura ebda zwieg ma kien ikun validu".*

Illi l-kuncett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fil-ligi civili jvarja xi ftit mill-kuncett kif espost fid-dritt kanoniku ghaliex mentri d-dritt kanoniku jirrikjedu xi forma ta' difett psikologiku serju, fid-dritt kanoniku mhuwiex il-kaz.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvagi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:-

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita` affettiva…..La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da*

*compiere, agli obblighi essenzjali da assumersi e ai diveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore….Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente una sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro:* **(Il Diritto Canonico Matrimoniale** – ***Bersini*** – Torino 1994**)**.

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe', dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni ntima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzali, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elemeni li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Kif spjega l-gurista ***Bersini:-***

*"la discrezione di gudizio consta di due elementi distinti ma concorrenti e indipendenti: la piena avvertenza e il*

*deliberato consenso. Solo quando l-individuo e' capace della piena comprensione morale e giuridica dell'atto che compie e della perfetta liberta' di elezione e deliberazione nel volerlo e attuarlo si puo' dire che egli l'abbia posto con la piena avvertenza e il deliberato consenso, cioe nel possesso della sufficiente discrezione di giudizio (**Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale**, Elle Di Ci (Trino) 1994, pg.97).*

Illi biex ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika, li mhux necessarjament timplika anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku jew kostituzzjonali, li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Kif fissret din l-Onorabbli Qorti f'diversi sentenzi (**"Isabelle Attard vs Stephen Attard"** P.A. 21 ta' Novembru 1995; **"Samuela Lea Pavia vs John Pavia"** P.A. 20 ta' Mejju 1996**; "Sandro Sciberras vs Janet Briffa gia' Sciberras"** P.A. 16 ta' Jannar 1998) dan id-difett ta' kunsens kif ravvizat fil-ligi taghna m'ghandux jigi ekwiparat ma' semplici nkompatibbilta` ta' karattru, jew ma decizjoni zbaljata. F'dan ir-rigward huwa ferm rilevanti dak li osservat il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** P.A. 14 t'Awissu 1995, fejn intqal hekk:-

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking, if anyone of the following three conditions or hypothesis is verified; (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering the marriage is lacking; (2) when the contracting party had not reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt fot the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sifficient wieghing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within".*

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga u d-dmirijiet essenzjali taghha, mill-provi prodotti din il-Qorti jirrizultalha li kien

hemm difett serju fil-kunsens kemm tal-attrici kif ukoll tal-konvenut. Min-naha tal-attrici l-provi kollha juru kjarament li m'ghandiex dik il-kapacita' rikjesta mill-ligi u mill-gurisprudenza taghna kif fuq spjegat sabiex tassumi l-obbligi essenzjali taz-zwieg u hareg car li fil-mument ta' zwieg kienet effetwata minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha. L-attrici kienet pjuttost persuna fidila u facilment impressjonabbli u jidher dahlet ghaz-zwieg minghajr preparazzjoni u riflessjoni ta' xejn.

Illi da parti tal-konvenut, ghalkemm dan ma ressaqx provi, jidher car illi ghalih dan kien zwieg ta' konvenjenza biss, intiz sabiex il-konvenut ikun jista' jibqa' Malta minghajr problemi. Anke l-istorja tieghu, kif xehed l-Ispettur Sandro Zarb juri illi l-konvenut ried jitlaq minn pajjizu u ried ighix Malta. Il-konvenut kien anke tkecca mill-Qrati taghna izda rega sab mezz kif jidhol Malta llegalment u kkonvinca lill-attrici, minghajr l-ebda problema ta' xejn, tizzewgu sabiex ma jkollux x'jimpedih biex jibqa' jghix Malta. Il-Qorti hija moralment konvinta, kif *di piu* kienet il-brava perit legali Dr. Sandra Sladden li dawn huma l-unici ragunijiet ghala l-konvenut izzewweg lill-attrici u l-hajja mizzewga u l-konvivenza ta' xahrejn uriet u kkonfermat propju dan.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti jidhrilha li z-zwieg iccelebrat bejn l-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat *ai termini* tas-**sub-inciz (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap.155.**

Illi mill-provi mressqa, il-Qorti ma taqbilx mal-Perit Legali illi l-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** liema artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens, ma jirrizultax. Anzi abbazi tal-fatt li l-konvenut dahal ghal dan iz-zwieg biss sabiex jkollu l-opportunita' li jghix hawn Malta u ghall-ebda raguni ohra, *di piu'* konkluzjoni wkoll raggunta mill-istess perit legali, jikkonferma li almenu *da parte* tal-konvenut l-istess kunsens tieghu ghaz-zwieg kien simulat, ghaliex certament li waqt il-kunsens tieghu huwa eskluda ghal

kollox l-elementi kollha bazici tal-istess istitut, u ghalhekk l-istess zwieg kien biss zwieg ta' konvenjenza u kif inghad minn diversi sentenzi ta' din il-Qorti, inkluzi sentenzi ta' din il-Qorti kif presjeduta, li ghalihom issir riferenza, u ghalhekk bhala tali dan iwassal ghall-annullament taz-zwieg anke abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi rigward il-premessa tal-attrici u cjoe' **l-artikolu 19 (1) (g) tal-Kap 255,** fejn l-attrici ppremettiet illi l-konvenut rabat il-kunsens tieghu ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur, din fil-fehma ta' din il-Qorti ma' tirrizultax mill-provi mressqa.

Illi ghalhekk skond il-provi migbura u abbazi tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti tikkonkludi li jirrizulta li:-

(i) L-ewwel talba tal-attrici, fuq il-premessa li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d)** ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

(ii) Illi l-istess talba tal-attrici, fuq it-tieni prermessa li z-zwieg huwa null *stante* illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, ghanda wkoll tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

(iii) It-tielet premessa fuq it-talba tal-attrici u cjoe' illi l-konvenut rabat il-kunsens tieghu ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (g)** ma tirrizultax u m'ghandhiex tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-

konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg tal-24 ta' Frar 2000 ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------